MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 52/2010

**Joseph Camilleri**

**Vs**

**John u martu Carmen Vella; u Ruben Vella**

Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-bejgh b’licitazzjoni tal-fond numru sebgha u hamsin (57), Triq Seguna, Sannat, Ghawdex. Fond li nxtara fis-26 ta’ Gunju 2004 permezz ta’ kuntratt pubblikat min-nutar Dr Paul George Pisani. Fl-imsemmi fond l-attur ghandu sehem ta’ terz indiviz (1/3) indiviz filwaqt li l-konvenuti ghandhom sehem ta’ zewg terzi (2/3), maqsum in kwantu ghal terz ta’ John u Carmen konjugi Vella u t-terz l-iehor ta’ Ruben Vella.

Il-konvenuti ddikjaraw li m’humiex jopponu ghall-bejgh b’licitazzjoni u jaqblu ma’ dak li ddikjara l-attur dwar l-ishma. Ghalkemm fir-risposta guramentata ddikjaraw li

mir-rikavat tal-bejgh l-attur ghandu jhallas id-dejn li ghandu mal-konvenuti, fis-seduta tal-lum id-difensur tal-konvenuti ddikjara li ***“..... m’hemmx qbil li l-konvenuti jibqghu jistennew li jsir il-bejgh b’licitazzjoni sakemm isir il-hlas u dan mehud ukoll in konsiderazzjoni li l-konvenuti ghandhom titolu ezekuttiv.”***.

Fis-seduta tas-6 ta’ Lulju 2010 gie dikjarat li:-

***“(a) Il-partijiet jaqblu li l-fond mhuwiex kommodament divizibbli.***
***(b) Jaqblu wkoll li hadd mhu f’posizzjoni li jakkwista s-sehem tal-parti l-ohra.***
(c) ***Jaqblu wkoll li l-fond ghandu jinbiegh bil-qorti bil-mobbli kollha li hemm fih.”***.

Fis-seduta tal-lum il-partijiet iddikjaraw li ghal finijiet tal-bejgh b’licitazzjoni l-valur tal-fond hu ta’ **erbat elef sitt mija u sitta u sittin ewro tmien mija u erbgha u sebghin centezmu (€466,874)**. B’dan il-qbil il-partijiet evitaw mill-htiega li jigi nkarigat perit tekniku sabiex jaghmel stima tal-valur tal-fond. Mill-atti ta’ akkwist tas-26 ta’ Gunju 2004 (fol. 4) jirrizulta li l-fond hu in parti sovrastanti u in parti sottostanti beni ta’ terzi (ara pjanta a fol. 31 li hi annessa mal-att ta’ akkwist). Il-qorti ser izzid il-valur li stabbilew il-partijiet ghas-somma ta’ erbgha mija u tmenin elf ewro (€480,000) sabiex tinkludi l-mobbli li hemm fil-fond, u li l-partijiet jaqblu li ghandhom jinbieghu flimkien mal-post.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi u tiddikjara li:-**
**1. Il-fond 57, Triq Seguna, Sannat, Ghawdex m’huwiex kommodament divizibbli.**
**2. Il-bejgh b’licitazzjoni tal-fond flimkien mal-mobbli li jinsabu mill-ghatba l-gewwa, u li ghandu jsir fis-6 ta’ Settembru 2010 fl-10.00 a.m. fil-bini tal-Qorti.**
**3. Ghal finijiet ta’ stima il-valur hu ta’ erbgha mija u tmenin elf ewro (€480,000).**
**4. Il-bejgh b’licitazzjoni ghandu jkun miftuh ghall-pubbliku sabiex jaghmel l-offerti.**

**5. Ir-rikavat ghandu jinqasam skond is-sehem li kull parti ghandha fil-fond.**
**6. Ir-Registratur tal-Qorti ghandha tiehu hsieb li ssir il-pubblikazzjoni tal-avvizi kontemplati mil-ligi.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk relatati mal-procedura tal-bejgh b'licitazzjoni jinqasmu in kwantu ghal terz (1/3) a karigu tal-attur, terz (1/3) a karigu tal-konjugi Vella u t-terz (1/3) l-iehor a karigu ta' Ruben Vella.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------